**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 240/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Malcolm Tanti**
**(ID 0467173(M))**

**Illum, 29 ta' Novembru 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Malcolm Tanti ta' 35 sena, iben Anthony u Lilian nee` Sawyer, imwieled San Giljan nhar is-26 ta' Gunju 1973, residenti 21, Birkirkara Hill, San Giljan detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 0467173(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Awwissu 2009, u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitix ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' April 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll id-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru 2015, li permezz tieghu laqghet it-talba tad-difiza tal-21 ta' April 2015 u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet ghalhekk lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tal-5 ta' Mejju 2017 li, permezz taghha, l-istess Bord informa lill-Qorti li huwa sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni tal-imputat, li ntemm b'success;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Elizabeth Quintano, Assistent Registratur fil-Qrati u Tribunali Kriminali, mil-liema jirrizulta illi l-kawza odjerna hija l-unika kawza pendenti fil-konfront tal-imputat;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-istess imputazzjonijiet.

Qieset ghal fini ta' piena, illi f'dan il-kaz, mill-atti jirrizulta illi pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga kienu osservaw lill-imputat jaghmel kuntatt ma' terza persuna, f'liema mument huma intervjenew u l-imputat instab fil-pussess ta' tliet iqratas kontenenti sustanza suspettata eroina.  Instabu wkoll xi bicciet tal-*foil* fil-pussess tal-imputat.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokument ghall-analizi tieghu: *Envelope* kannella li kien fih borza tal-plastik trasparenti li fiha: 1) kaxxa ta' *Cherry Sugar Free Halter Bonbons* li go fiha hemm 3 *aluminium foil* irrumblati u li fuq gewwa hemm ticpis ta' lewn iswed/kannella skur.  Fuq il-kaxxa, hemm karta bil-kliem: Data 14-08-09 Hin 10:30 a.m. Elevat/i minn fuq xkaffa li kienet fis-sodda fil-prezenza ta' Malcolm Tanti ID 467173(M) minn PS 396, PC 760; 2) borza tal-plastik trasparenti li fiha

karta bil-kliem: Data 14-08-09 Hin 10:30 a.m. Elevat/i minn gol-but ta' wara tax-shorts fil-prezenza ta' Malcolm Tanti ID 467173(M) minn PS 396, PC 760 u 3 bicciet *aluminium foil*; 3) borza tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem: Data 14-08-09 Hin 10:30 a.m. Elevat/i minn gol-but tax-shorts fil-prezenza ta' Malcolm Tanti ID 467173(M) minn PS 396, PC 760 u kontenitur tal-plastik ta' lewn ahdar li fih 2 qratas li fihom trab ta' lewn kannella; 4) borza tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem: Data 14-08-09 Hin 10:30 a.m. Elevat/i minn gol-but tax-shorts fil-prezenza ta' Malcolm Tanti ID 467173(M) minn PS 396, PC 760 u kontenitur ta' lewn blu li fih qartas li fih trab ta' lewn kannella.

Skont il-konkluzjonijiet tal-espert Sammut, fl-estratti mehuda mill-*aluminium foil* u t-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument fuq indikat, instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 0.47 grammi. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi l-qratas kellhom is-segwenti pizijiet rispettivament: 0.15 grammi, 0.15 grammi u 0.17 grammi.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, tant illi fil-waqt illi l-kawza bdiet tinstema' fis-sena 2012, din l-ammissjoni giet registrata fl-ahhar seduta tat-23 ta' Ottubru 2017, ferm wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, fiz-zmien tal-kaz odjern, li hija wahda pjuttost refrattarja, mil-liema jirrizulta illi l-imputat instab hati *inter alia* dwar reati bi ksur tal-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta, serq aggravat u hsara volontarja (f'zewg okkazzjonijiet), traffikar tad-droga eroina, pussess ta' droga eroina (f'zewg okkazzjonijiet, wahda minnhom gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin), falsifikazzjoni ta' dokumenti u frodi b'eghmil qarrieqi u reati minuri bi ksur tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar dawn l-imputat gie kkundannat ghal pieni pekunjarji, sentenza ta' prigunerija sospiza, u sentenzi ta' prigunerija effettiva. Jirrizulta wkoll mill-atti illi sussegwentement fis-sena 2013, l-imputat instab hati ta' pussess semplici ta' droga u dan b'referenza ghal Awwissu 2012 u x-xhur ta' qabel, u tqieghed taht Ordni ta' *Probation*.

Jirrizulta wkoll ampjament mill-atti illi mis-sena 2012, l-imputat ghamel progress notevoli f'hajtu u bl-ghajnuna ta' diversi professjonisti u b'impenn serju da parti tieghu, irnexxielu jzomm il-boghod mid-droga, tant li salv ghal zewg *relapses* zghar f'Lulju 2016 u fi Frar 2017, liema *relapses* l-imputat gharaf jaffrontahom u jeghlibhom, il-kampjuni tal-urina kollha li ttiehdu lill-imputat irrizultaw dejjem fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Mill-atti fil-fatt jirrizulta illi mill-5 ta' Dicembru 2013 sal-lum, l-imputat baqa' *clean* salv ghaz-zewg *relapses* fuq imsemmija. Meta wiehed iqis illi l-imputat kellu storja twila ta' abbuz ta' droga eroina u vizzju

tassew serju, kif ukoll is-sitwazzjoni pjetuza li sab ruhu fiha – u f'dan ir-rigward bizzejjed jinghad illi missieru kien sahansitra juzah biex jipprova fuqu d-droga li kien ikun ser ibiegh - certament illi dan juri sforz kbir u impenn genwin da parti tal-imputat u progress tassew sodisfacenti. Effettivament, il-kummenti tas-*social worker* li segwiet lill-imputat meta huwa ntbaghat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, dejjem kienu posittivi ferm fil-konfront tal-istess imputat, tant illi finalment, il-Bord iddikjara illi l-process ta' rijabilitazzjoni kien intemm b'success u dan ai termini tal-Artikolu 8(5) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta wkoll mill-ahhar xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* Maryanne Zammit illi ghalkemm hemm kwistjonijiet li l-imputat ghad jehtieglu jindirizza sabiex jaccerta ruhu li jibqa' l-boghod mill-vizzju tad-droga, dawn l-imputat huwa konxju minnhom u dejjem talab u kien lest li jircievi l-ghajnuna sabiex itejjeb il-posizzjoni tieghu, b'dan ghalhekk illi, skont l-istess Ufficjal tal-*Probation*, juwa jista' jkompli jibbenifika mill-ghajnuna tal-professjonisti sabiex jeghleb id-diffikultajiet tieghu u konsegwentement, jibqa' l-boghod mid-droga.

Il-Qorti qieset ukoll illi jirrizulta ampjament mill-atti illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, ai termini tal-proviso tal-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif diga` gie kkunsidrat mill-Qorti fid-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru 2015, fejn iddecidiet illi kienet tirrizulta sodisfacentement ippruvata l-kundizzjoni indikata fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 ossia illi r-reat (f'dan il-kaz, ir-reati) li bih l-imputat huwa mixli huwa sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkuzat, l-imputat kien ilu jabbuza mid-droga eroina ghal snin twal u li mill-istqarrija tieghu mehuda *a tempo vergine*, jirrizulta wkoll illi ghalkemm ghamel perjodu li fih kien waqaf juza d-droga stante illi kien ghamel programm ta' rijabilitazzjoni, biss wara li hareg mill-habs fis-sena 2006, huwa rega' waqa' fil-vizzju. Fiz-zmien tal-kaz, huwa kien jikkonsma minn tnejn sa tliet pakketti eroina kuljum. Hawnhekk il-Qorti qed taghmilha cara li m'hijiex qed tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu fiz-zmien meta huwa ma kellux id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tieghu, sabiex tistabilixxi l-htija tieghu jew bi pregudizzju ghalih, izda anzi ghaliex minnha, apparti l-provi l-ohra migjuba fl-atti li ma jhallux dubju illi l-imputat kien ilu fil-vizzju tad-droga ghal snin twal qabel dawn il-proceduri u li dan il-vizzju kien ukoll wiehed serju, jirrizulta car kemm ir-reati li taghhom qed jinstab hati kienu effettivament attribbwibbli ghal dan il-vizzju. Fil-fatt mill-istess stqarrija, jirrizulta li l-imputat ma kellux introjtu fiss u konsegwentement, li kien jehtieglu li jbiegh id-droga sabiex imantni l-vizzju tieghu. Tqis ukoll il-Qorti f'dan il-kuntest, ix-

xhieda tal-Ispettur Saviour Baldacchino (PS 396 fiz-zmien tal-kaz) li jghid illi fil-jum tal-arrest tal-imputat, huwa avvicina lill-imputat proprju kif id l-istess imputat kienet qed taghmel kuntatt ma' terza persuna li kienet tinsab f'vettura, li dak il-hin huwa qabez fuqu u li f'dak il-mument, l-imputat rema l-affarijiet minn idejh; l-imputat ipprova jiddisponi minn qartas u iehor ipprova jirfsu. Mir-rapport redatt u esebit mill-istess Spettur, jirrizulta illi fuq l-imputat instab qartas suspettat bl-eroina gewwa kontenitur tawwali, qartas iehor ingabar fil-vicin fejn gie arrestat u iehor minn idu, wara li l-istess imputat ipprova jiddisponi minnu. Din ix-xhieda ma thallix dubju lill-Qorti dwar ir-raguni ghalfejn l-imputat ghamel kuntatt mat-terza persuna, proprju fil-waqt illi fil-pussess tieghu kellu d-droga eroina.

Ghalhekk tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu japplika l-proviso ghall-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 u cioe` illi la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati, kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, l-Qorti ghandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija [sottolinear tal-Qorti].

Il-Qorti tqis illi fid-dawl, mill-banda l-wahda, tan-natura serja tal-imputazzjonijiet li dwarhom l-imputat qed jinstab hati, u mill-banda l-ohra, tal-progress notevoli li huwa ghamel, sentenza ta' prigunerija sospiza hija wahda idonea, b'dan ukoll illi fid-dawl tax-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* tad-29 ta' Marzu 2017, tqis illi jkun xieraq ukoll illi l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni sabiex b'hekk ikompli jigi meghjun fil-glieda tieghu kontra d-droga u jaghraf jindirizza u jeghleb id-diffikultajiet kollha li jistghu jerghu jressquh lejn il-vizzju.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari, il-proviso tas-sub-artikolu (7) tal-istess artikolu, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum u multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75), bl-ewwel pagament jithallas fiz-zmien xahar mil-lum, b'dan

illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni taht is-supervizjoni ta' Ufficjal Sorveljanti, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni hawn annessa, liema Ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghal zmien tliet (3) snin mil-lum.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jahtar Ufficjal Sorveljanti li jissorvelja lill-hati u tirrakkomanda illi l-hati ghandu jibqa' jigi segwit mill-Ufficjal Sorveljanti Maryanne Zammit, li ilha ssegwi lill-hati ghall-perjodu ta' snin.

Il-Qorti wissiet lill-hati fi kliem car u semplici, bil-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza. In oltre wissiet ukoll lill-hati dwar l-effetti tal-Ordni ta' Supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G(8) u (9) tal-Kapitolu 9.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, tikkundanna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' mitejn, wiehed u tletin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€231.28), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dokument DT1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat